

**Suġġett**

Minn naħa, talba għall-annullament tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni tal-5 ta' Mejju 2003, li temenda l-klassifikazzjoni fil-grad tar-rikorrenti, safejn din tiffissa l-klassifikazzjoni tiegħu fl-iskala, fid-data tal-ħatra tiegħu, għall-grad B 4, it-tieni skala, fejn tiffissa l-5 ta' Ottubru 1995 bħala d-data li fiha d-deċiżjoni tibda tip-produċi l-effetti pekunjarji tagħha u li fiha ma terġax tistabbilixxi l-karriera fil-grad tar-rikorrent kif ukoll talba għall-annullament tad-deċiżjoni li tiċħad l-ilment tar-rikorrent u, min-naħa l-oħra talba għall-kumpens tad-dannu allegat, li jirriżulta minn din id-deċiżjoni.

**Dispożittiv**

- 1) *M'hemmx lok li tingħata deċiżjoni fuq dan ir-rikors.*
- 2) *Il-Kummissjoni tbatlha l-ispejjeż kollha.*

(<sup>1</sup>) ĠU C 118, 30.4.2004.

**Digriet tal-Qorti tal-Prim'Istanza tat-12 ta' Settembru 2008**  
— **Jacobs vs Il-Kummissjoni**

(Kawża T-131/04) (<sup>1</sup>)

(*"Servizz pubbliku — Uffiċjali — Sentenza interlokutorja — M'hemmx lok li tingħata deċiżjoni"*)

(2008/C 301/58)

Lingwa tal-kawża: Il-Franċiż

**Partijiet**

**Rikorrent:** Luc Jacobs (Brussell, il-Belġju) (rappreżentant: N. Lhoëst, avukat)

**Konvenuta:** Il-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej (rappreżentanti: J. Currall u H. Krämer, aġenti, assistiti minn B. Wägenbaur, avukat)

**Suġġett**

Minn naħa, talba għall-annullament tad-deċiżjoni tal-Kummissjoni tal-14 ta' April 2003 li bidlet il-klassifikazzjoni fil-grad tar-rikorrent, safejn din tiffissa l-klassifikazzjoni tiegħu fil-grad, fid-data tal-ħatra tiegħu, għall-grad B4, it-tieni skala, u li tiffissa l-5 ta' Ottubru 1995 bħala d-data li fiha d-deċiżjoni tibda tip-produċi l-effetti pekunjarji tagħha u li ma terġax tistabbilixxi l-karriera fil-grad tar-rikorrent u talba għall-annullament tad-deċiżjoni li tiċħad l-ilment tar-rikorrent u, min-naħa l-oħra, talba

għall-kumpens għad-dannu allegatament ikkawżat b'din id-deċiżjoni.

**Dispożittiv**

- 1) *M'hemmx lok li tingħata deċiżjoni dwar dan ir-rikors.*
- 2) *Il-Kummissjoni għandha tbatlha l-ispejjeż kollha.*

(<sup>1</sup>) ĠU C 118, 30.4.2004.

**Digriet tal-Qorti tal-Prim'Istanza tat-12 ta' Settembru 2008**  
— **Tachelet vs Il-Kummissjoni**

(Kawża T-293/04) (<sup>1</sup>)

(*"Servizz Pubbliku — Uffiċjali — Sentenza interlokutorja — M'hemmx lok għal deċiżjoni"*)

(2008/C 301/59)

Lingwa tal-kawża: Il-Franċiż

**Partijiet**

**Rikorrent:** Guy Tachelet (Rijmenam, il-Belġju) (rappreżentant: N. Lhoëst, avukat)

**Konvenuta:** Il-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej (rappreżentanti: J. Currall u H. Krämer, aġenti)

**Suġġett**

Minn naħa, talba għall-annullament tad-deċiżjoni tal-Kummissjoni tat-2 ta' Settembru 2003 rigward bidla fil-klassifikazzjoni ta' grad tar-rikorrent, sa fejn hija tistabbilixxi l-klassifikazzjoni tiegħu fl-iskala, fid-data tal-ħatra, għall-grad B 4, it-tieni skala, u sa fejn hija ma stabbilixxi lir-rikorrent mill-ġdid fil-karriera u talba għall-annullament tad-deċiżjoni rigward rifjut tal-ilment tar-rikorrent u, min-naħa l-oħra, talba għal kumpens tal-allegat dannu li jirriżulta minn din id-deċiżjoni.

**Dispożittiv**

- 1) *M'għadx hemm lok li tittieħed deċiżjoni dwar dan ir-rikors.*
- 2) *Il-Kummissjoni għandha tbatlha l-ispejjeż kollha.*

(<sup>1</sup>) ĠU C 262, 23.10.2004.